# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 8/2020 BS**

**AG**

**-vs-**

**JB; MG u MAG, ulied l-imsemmija JB; u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' AG illi ppremetta:**

1. ILLI l-esponenti iżżewweġ [sic] lill-konvenuta JB nhar is-26 ta' Novembru, 1994 u dan iż-żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex bin-numru progressiv 167/1994.

Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ q[i]egħda tiġi hawn annessa u immarkata [sic] bħala "<u>Dokument AG1</u>";

2. ILLI waqt iż-żwieġ bejn il-partijiet, il-konvenuta JB welldet żewġt'itfal [sic], senjatament lill-konvenuti l-oħra u ossija MG illi twieldet nhar it-28 ta' Awwissu, 2001 u MAG illi twieldet nhar l-10 ta' Ottubru, 2005. Kopji taċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom qegħdin jiġu hawn annessi u immarkati [sic] bħala "<u>Dokument AG2</u>" u "<u>Dokument AG3</u>" rispettivament;

3. ILLI l-esponenti ikkonferma [sic] illi dawn it-tfal mhumiex l-ulied naturali tiegħu. Fil-fatt minn testijiet xjentifiċi tal-paternità ossija DNA illi saru irriżulta [sic] illi l-esponenti mhuwiex il-missier naturali ta' dawn iż-żewġ ulied. Kopja ta' dawn ir-riżultati q[i]egħda tiġi hawn annessa u immarkata [sic] bħala "<u>Dokument AG4</u>";

4. ILLI l-esponenti ma riedx jibqa' indikat bħala missier dawn iż-żewġ konvenuti u b'hekk wara illi kiseb id-debita awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-*proviso* ta' l-artikolu [sic] 73 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta mitluba b'rikors tiegħu ta' nhar it-28 ta' Lulju, 2010 u mogħtija b'digriet ta' nhar l-1 ta' Diċembru, 2010 huwa kien beda proċeduri ġudizzjarji permezz ta' kawża ta' denegata paternità ippreżentata [sic] minnu nhar l-10 ta' Diċembru, 2010 biex jiċħad lill-imsemmija konvenuti, MG u MAG, billi mhumiex uliedu naturali. Din il-kawża kellha r-rikors maħluf bin-numru: 32/2010/PC fl-ismijiet "AG v. JB Grima et";

5. ILLI l-konvenuta JB kienet wieġbet għal dik il-kawża b'risposta maħlufa ippreżentata [sic] minnha nhar it-30 ta' Diċembru, 2010 fejn hija ikkonfermat [sic] bil-ġurament illi hija taqbel mal-pretensjonijiet imressqa mill-esponenti illi t-testijiet tad-DNA juru fiċ-ċar illi l-esponenti mhuwiex il-missier naturali ta' wliedha. Hija però allegat illi tali fatt huwa dovut għal deċiżjoni konsenswali u li kien l-esponenti li ħeġġiġha li jkollha relazzjoni extra-maritali biex ikollhom l-ulied mingħajr ma jgħaddu mill-proċeduri ta' adozzjoni minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom;

6. ILLI dina l-Onorabbli Qorti kienet tat is-sentenza tagħha dak in-nhar tat-30 ta' Ġunju, 2011. Dina l-Onorabbli Qorti qalet illi l-esponenti donnu ippretenda [sic] li ma kien jinħtieġlu jressaq l-ebda prova oħra għajr provi xjentifiċi li juru li t-tfal tassew mhumiex uliedu u li l-konvenuta JB filwaqt li qablet ma' dak li sostna l-esponenti, tat spjegazzjoni li ma hija xejn kredibbli. Dina l-Onorabbli Qorti irriteniet [sic] illi mill-provi ħareġ indubbjament illi l-esponenti mhuwiex il-missier naturali tat-tfal tal-konvenuta iżda la ma tressqux provi oħra li jistgħu jindikaw xi stat differenti minn dak taċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom, l-esponenti ma kienx irnexxielu jwaqqa' b'mod sodisfaċjenti biżżejjed il-preżunzjoni tal-liġi li toħroġ mill-artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċaħdet it-talbiet ta' l-esponenti [sic] bl-ispejjeż kontrih. Kopja ta' din is-sentenza q[i]egħda tiġi hawn annessa u immarkata [sic] bħala "<u>Dokument AG5</u>";

7. ILLI l-esponenti appella permezz ta' rikors ta' appell ippreżentat minnu quddiem il-Qorti ta' l-Appell [sic] nhar it-

13 ta' Lulju, 2011. Nhar id-19 ta' April, 2012 ingħatat sentenza mill-Qorti ta' l-Appell [sic] fejn ġie deċiż dan illi ġej:

*22. Billi, fil-fehma ta' din il-qorti, it-tqanqil ta' din il-kwistjoni ma huwiex frivolu jew vessatorju, tordna illi l-atti jintbagħtu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din, kif igħid u jrid l-art. 4(3) tal-Kap. 319, twieġeb għal din il-mistoqsija: meta b'applikazzjoni tal-artt. 67 u 81(2) tal-Kodiċi Ċivili l-attur ma jitħalliex jiċħad l-ulied ta' martu meta jista' jġib provi ġenetiċi u xjentifiċi li dawn ma humiex uliedu, huwiex dan bi ksur tal-artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.*

*23. Tiddifferixxi s-smigħ sine die sabiex, fuq talba ta' min mill-partijiet ikollu interess, jitkompla wara illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkun wieġbet għal din il-mistoqsija, b'dan illi l-kawża ma titqiegħedx fuq il-lista tal-kawżi li jmorru deżerti ħlief b'seħħ minn dakinhar meta d-deċiżjoni dwar il-kwistjoni dwar il-ksur tal-jeddijiet fondamentali ssir finali. Tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.*

Kopja ta' din is-sentenza q[i]egħda tiġi hawn annessa u immarkata [sic] bħala "<u>Dokument AG6</u>";

8. ILLI wara r-referenza kostituzzjonali illi saret mill-Qorti ta' l-Appell [sic], l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat sentenza nhar l-24 ta' Marzu, 2015 li biha wieġbet il-kweżit magħmul lilha b'dan il-mod: *Ghar-ragunijiet kollha premessi, filwaqt li taghmel riferenza ghall-atti u ghall-Art 4(3) tal-Kap 319, din il-Qorti qieghda twiegeb ghall-*

*mistoqsija li saritilha mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-provvediment li tat fid-19 ta' April 2012 fil-kawza fl-ismijiet AG vs JB Grima u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2011, JB Grima giet nominata kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-minuri Manwela Grima u MAG; Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex (Rik. Gur. Nru. 32/2010 PC) billi tiddikjara illi meta, b'applikazzjoni tal-Art. 67 u 81(2) tal-Kodici Civili, l-attur AG ma jithalliex jichad l-ulied ta' martu JB Grima meta jista' jgib provi genetici u xjentifici li dawn ma humiex uliedu, dak mhuwiex bi ksur tal-Artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Tordna li l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment jithallsu minn AG.* Kopja ta' din is-sentenza q[i]egħda tiġi hawn annessa u immarkata [sic] bħala "Dokument AG7";

9. ILLI din is-sentenza ma ġietx appellata u ġara li l-appell ta' l-esponenti [sic] li kien pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell [sic] mar deżert;

10. ILLI bħala stat ta' fatt, illum il-ġurnata hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi, ulied il-konvenuta JB ossija l-konvenuti MG u MAG ilhom ma jaraw u ilhom ma jkellmu lill-esponenti għal dawn l-aħħar seba' (7) snin jekk mhux aktar. Huma jgħixu mal-konvenuta JB u ma għandhom l-ebda kuntatt kwalsijasi ma' l-esponenti [sic]. Din hija ħaġa naturali billi mhumiex uliedu;

11. ILLI l-esponenti ippropona [sic] kawża kostituzzjonali *ad hoc* bin-numru: 206/2019/LM fl-ismijiet "AG v. L-Avukat Grima

et" li bħalissa tinstab pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);

12. ILLI l-Avukat Ġenerali wieġeb għal dik il-kawża u fost affarijiet oħra stqarr illi:

*Illi bla ħsara għal dan u biex it-tweġiba għal dan l-ilment ikun sħiħ, jidher ċar li r-rikorrent x'aktarx mhux jifhem eżatt il-kunċett ta' pussess ta' stat kif imfisser fl-**artikoli 80** u **81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Il-pussess ta' stat mhuwiex xi kunċett permanenti li jibqa' hekk għal dejjem iżda huwa stat dinàmiku u li għalhekk jista' jinbidel mal-mogħdija taż-żmien. Kemm hu hekk, hija l-liġi stess li trid fl-**artikolu 81(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li l-pussess ta' stat għandu jkun jaqbel mal-att tat-twelid – fis-sens allura li jista' jkollok xenarju fejn il-pussess ta' stat ta' persuna jista' ma jibqax jirrifletti dak l-istat li jkun ġie mogħti lilu fl-att tat-twelid;*

*Illi taħt dan il-profil, imbilli fit-30 ta' Ġunju 2011, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet l-azzjoni ta' denegata paternità mressqa mir-rikorrent minħabba li f'dak iż-żmien ir-rikorrent ma weriex lil dik il-Qorti li l-istat tal-pussess ta' Manwela u MAG kien differenti mill-istat ċivili muri fl-att tat-twelid tagħhom, dan ma jfissirx b'daqshekk li llum tmien snin wara dik is-sentenza, il-pussess ta' stat ta' Manwela Grima u MAG għadu l-isess kif hemm fl-att tat-twelid;*

*Illi fi kliem ieħor, bis-saħħa tal-prinċipju tar-rebus sic stantibus, ir-rikorrenti wara li jikseb l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja skont l-*

***artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, jista' jressaq kawża oħra ta' ċaħda ta' għarfien tal-ulied quddiem il-qorti kompetenti, jekk wara li jitqiesu l-elementi msemmija fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**, jirnexxilu juri li fil-ġurnata tal-lum il-pussess ta' stat ta' Manwela u MAG huwa differenti minn dak li hemm imsemmi fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom;*

*Illi tassew il-ġudikat maħluq bit-30 ta' Ġunju 2011 sa fejn jikkonċerna l-pussess ta' stat ta' Manwela u MAG ma jżommx lir-rikorrent milli jiftaħ kawża oħra minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi fil-pussess ta' stat tagħhom. Jiġi b'hekk, li anke dan l-ilment mhuwiex wieħed mistħoqq;*

13. ILLI kien għalhekk illi l-esponenti reġa' talab lil dina l-Onorabbli Qorti illi jiġi awtorizzat sabiex jipproċedi b'kawża ta' denegata paternità kontra l-konvenuti JB, MG u MAG wlied l-imsemmija JB, u dana ai termini tal-*proviso* ta' l-artikolu 73 [sic] tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u b'digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2020 it-talba ta' l-esponenti [sic] ġiet milqugħa u huwa ġie awtorizzat illi jipproċedi b'kawża ta' denegata paternità kontra l-konvenuti mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-istess [sic] digriet. Kopja ta' dan id-digriet q[i]egħda tiġi hawn annessa u immarkata [sic] bħala "Dokument AG8";

14. ILLI għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

15. ILLI dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti MG u MAG mhumiex l-ulied naturali ta' l-esponenti [sic] u illi l-esponenti mhuwiex il-missier naturali ta' l-imsemmija [sic] konvenuti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti MG u MAG ma għandhomx pussess ta' stat illi jirrifletti l-istat mogħti lilhom fl-att tat-twelid tagħhom;

3. Konsegwentament tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuti MG u MAG li għandhom in-numri 215/2001 u 221/2005 fil-kolonna illi tirreferi għal isem u kunjom il-missier bħala "AG", il-karta ta' l-identità [sic] tiegħu "2171 (G)", l-età tiegħu "30 sena" u "35 sena" rispettivament, il-post tat-twelid tiegħu "Nadur, Għawdex, Malta", ir-residenza tiegħu "Xewkija, Għawdex" u isem u kunjom missieru "Angelo Grima, ħaj" u minflok jitniżżel "missier mhux magħruf", kif ukoll tordna kull modifika oħra in vista ta' l-ewwel [sic] talba u jekk meħtieġ f'kull att ieħor jekk meħtieġ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom illi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Joseph Attard, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponenti ma hux edott mill-fatti u għaldaqstant jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba u għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li jiġu akkolti t-talbiet tal-attur, apparti l-korrezzjonijiet mitluba għandhom ukoll jiġu kanċellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi għall-partikolaritajiet tal-omm;

3. ILLI mingħajr ħsara għall-premess l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi ghemil da parti tal-esponenti jew tal-impjegati tiegħu u kwindi hu ma għandux jigi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta JB f'isimha personali u f'isem il-bint minuri MAG kif ukoll MG illi eċċepixxew:**

1. ILLI preliminarjamnet jirriżulta illi dwar t-talbiet attriċi diġà teżisti u tikkonkorri r-res judicata stante li dawn it-talbiet gia' [sic] ġew sodifaċentement trattati mill-Qrati Maltin f'kawżi oħra preċedenti bejn l-istess partijiet u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

2. ILLI in oltre u mingħajr preġudizzju, l-esponenti jissottomettu illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati

fid-dritt u fil-fatt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur;

3. ILLI in oltre, u dana dejjem mingħajr preġudizzju, jirriżulta fiċ-ċar illi dina l-kawża q[i]egħda ssir biss u bl-unika intenzjoni li r-rikorrenti jaħrab mid-dmirijiet tiegħu li jħallas l-manteniment lill-uliedu — manteniment li qajla qatt tħallas lill-uliedu u li kien biss wara rapporti kriminali li sar tali ħlas u li għalhekk ukoll it-talbiet attrici għandhom jiġu miċħuda fit-totalità tagħhom;

4. ILLI in oltre jirriżulta ukoll li diversi 'fatti' imsemmija [sic] mill-attur huma kontradetti saħansitra mill-kuntratt ta' separazzjoni tiegħu stess u li għalhekk ukoll it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda totalment;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes [sic] kollha kontra l-istess attur.

**Il-Qorti;**

**Rat** id-dokumenti kollha ppreżentati mar-rikors ġuramentat;

**Rat** is-sentenza in parte tal-5 ta' Mejju, 2021, rigward l-eċċezzjoni ta' *res judicata* sollevata mill-konvenuti;[1]

**Fliet** l-atti allegati;

[1] A fol. 98 tal-proċess.

**Rat** in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Fliet** l-att fl-intier tagħhom;

**Ikkunsidrat:**

**i) Preliminari.**

Permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti MG u MAG ma humiex l-ulied naturali tiegħu u dan billi huma ma għadx għandhom pussess tal-istat li jirrifletti li huma wliedu u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar minn fuq iċ-ċertifikati tat-twelid tal-ulied imsemmmija kull referenza li hemm għalih bħala l-missier tagħhom.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom jilqgħu għat-talbiet tal-attur billi fl-ewwel lok jeċċepixxu r-*res judicata*. Jgħidu li din il-kawża hija immirata biss biex l-attur jaħrab mill-obbligu tiegħu illi jmantni lill-uliedu. Jinisitu li huwa qatt ma ried iħallas dan il-manteniment tant li meta ħallas għax kien imgiegħel jagħmel dan wara proċeduri kriminali kontrih. Jgħidu wkoll li dak li jgħid l-attur huwa kontradett anke mill-kuntratt ta separazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta JB u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

**ii) Provi — Xhieda.**

L-attur ippreżenta tliet affidavits. Wieħed tiegħu u tnejn oħra ta' ħutu Simon Grima u Miriam Portelli.[2]

Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega li huwa żżewweġ lill-konvenuta JB fis-26 ta' Novembru, 1994 u l-konvenuta MG twieldet fl-2001 u l-konvenuta l-oħra MAG twieldet fl-2005. Iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet sfaxxa fi Frar, 2010.

Jgħid li fil-bidu huwa kien jaħseb li MG u MAG kienu wliedu u ghaldaqstant kien jittrattahom bħala tali billi jeħodhom għand il-ġenituri tiegħu wkoll.

Jispjega li meta l-konvenuta għarrfitu li ż-żwieg tagħhom spiċċa hija qaltlu biex jitlaq mid-dar billi din kienet ta' missierha. Jgħid li huwa l-ewwel mar jorqod fil-barriera u mbagħad mar għand il-ġenituri tiegħu. Jispjega li sa Awissu 2010 kien għadu jieħu lil Manueal u MAG għand il-ġenituri tiegħu billi ma kienx għadu jaf li ma humiex uliedu.

F'Settembru 2010 imbagħad kellu bżonn operazzjoni u JB ma ħaditx lit-tfal jarawh. Kien dak iż-żmien li talabha biex isir it-test tad-DNA billi kien anke sema' mingħand in-nies ċertu affarijiet.

Wara li saru t-testijiet irriżulta li MG u Marily ma humiex uleidu u kien għalhekk illi huwa beda jipproċedi ġudizzjarjament biex ineħħi ismu minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' MG u MAG.

[2] A fol. 125 sa fol. 134 tal-proċess.

Fl-affidavit tiegħu l-attur jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-iter ġudizzjarju li għadda minnu sakemm wasal għall-kawża odjerna.

Jinsisti li minn meta beda l-proċess ġudizzjarju sa ma meta fetaħ il-kawża odjerna ċ-ċirkostanzi nbidlu tant li llum MG u MAG ma għadx għandhom pussess tal-istat li jirrifletti li huma wliedu. Jispjega illi huwa ilu ma jara lil MG u MAG sa minn gimagħtejn qabel Settembru 2010. Ma hemm l-ebda kuntatt la miegħu u lanqas mal-familja tiegħu. Jgħid ukoll li lanqas jiltaqa' maghhom f'ċelebrazzjonijiet tal-familja bħal Milied u tiġien u lanqas f'għeluq sninhom. Jgħid ukoll li huwa ma jikkontribwixxi xejn lejn dawn iż-żewġ konvenuti.

Il-fatti kif inhuma deskritti mill-attur fl-affidavit tiegħu huma korroborati minn ħutu Simon Grima u Miriam Portelli li min-naħa tagħhom anke jiddeskrivu li lanqas huma ma għandhom kuntatt ma' MG u MAG. Miriam Potelli tgħid ukoll li anke meta jiltaqgħu ġo xi ħanut, ħadd ma jkellem lil ħadd u għall-familja tagħha kemm MG u kemm Marily huma barranin. L-istess jikkonferma Simon Grima.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikoli tal-Ligi applikabbli għar-rizoluzzjoni tal-vertenza in diżamina huma l-Artkoli 80 u 81 tal-Kap. 16.

Artikolu 80 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

*(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*

*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*
*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.*

Artikolu 81 tal-Kap. 16 imbagħad jipprovdi illi:

*(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jagħmel tliet talbiet. L-ewwel waħda hija magħrufa bħala *Denegata Paternità* u jitlob li din l-Onorabbli l-Qorti tiddikjara illi MG u MAG li fuq l-att tat-twelid tagħhom hemm imniżżel li l-attur huwa l-missier u dana minħabba l-fatt li meta twieldu l-attur u l-konvenuta l-oħra JB kienu miżżewġin, effettivament ma humiex uliedu.

Rigward din l-ewwel talba irid jingħad illi meta tarbija titwieled minn mara miżżewga li tkun ikkonċepiet lit-tarbija matul iż-żwieġ, il-presunzjoni legali hi, għajr għal dawk l-eċċezzjonijiet kontemplati fil-Liġi, illi l-wild huwa wkoll iben ir-raġel tal-omm li welldet dik it-tarbija. Infatti ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kap.16 "*L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu.*"

Fil-konfront tal-omm il-prinċipju huwa illi *mater semper certa est*. Fejn jidħol il-missier it-tarbija titqies li hi l-wild tar-raġel ta' omm it-tarbija u in fatti hekk jitniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid. Tant hu hekk illi biex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku t-twelid ta' tarbija li twieldet lill-koppja miżżewġa ma hux meħtieġ il-preżenza taż-żewġ konjuġi. Lanqas ma hi meħtieġa xi prova oħra għajr għall-att taż-żwieġ ta' bejn ir-raġel u l-mara li weldet it-tarbija.

Ir-raġuni wara dan kollu huwa deskritt b'mod ċar mill-awtur Ricci li jgħid *Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilità dal talamo a per il rispetto della fedeltà coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'in carnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'.(Diritto Civile. Vol. 1 para 49 page.76).*[3]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament il-qrati ma jikkunsidrawx b'mod leġġer it-talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni

[3] Ikkwotat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża Marzo Vella vs Pauline Cassar, deċiża fil-25 ta' Mejju, 2007.

mwielda fiż-żwieġ. Infatti il-Qorti tal-Appell[4] fil-kawża bejn l-istess partijiet fil-kawża tal-lum ikkonkludiet illi l-azzjoni ta' denegeta paternità hija immirata *"mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda wkoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess li wkoll irid ihares l-art. 81 (2) (Kap. 16) , u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u għandu stat li jaqbel ma' dak li jgħid l-att ta' twelid tiegħu."*

Madankollu il-prinċipju li "l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewż ommu" ma hux prinċipju assolut imma huwa wieħed *iuris tantum.* Isir *iure et de iure* u allura assolut meta l-istat ta' tifel leġittimu jirriżulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi għal dak l-att. Dan ifisser li meta ż-żewġ estremi msemmija fl-Artikolu 81, ġa ċitat *supra* jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat (*nomen, tractatus et fama*) ma jikkonkorrux flimkien allura l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, għalhekk il-paternità leġittima riżultanti mill-att tat-twelid tista' tiġi eskluża bi provi ta' fatti li jiġu apprezzati mill-ġudikant, u dan in linea ma dak stabbilit fl-Artikolu 82 tal-Kodiċi Ċivili.

Kif diġà qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża bejn il-partijiet odjerni l-prova xjentifika ta' DNA waħedha mingħajr eżami akkurat tal-pussess tal-istat, flimkien ma' dak dettat fiċ-ċertifikat tat-twelid, ma jwassalx għas-suċċess tat-talbiet tal-attur[5] — "*Imkien ma tgħid il-ligi illi l-provi genetici wahdehom, huma bizzejjed biex, f'kull zmien, jibdlu l-istat ta l-ulied."*

[4] AG vs JB Grima, deċiża fis-19 ta' April, 2012.
[5] AG vs JB Grima et, deċiża Qorti tal-Appell, 19 ta' April, 2012.

Fil-każ tal-lum il-prova ġenetika li l-attur ma hux missier MG u MAG tirrizulta mill-atti.[6] Din il-Qorti iżda jenħtigilha tindaga jekk jeżistux provi biżżejjed li juri li l-MG u MAG ma kellhomx pussess tal-istat imsemmi fis-subinċiżi (1) u (2) tal-Artikolu 80 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-2011 il-Qorti diversament ippreseduta kienet iddecidiet li "*La gie allegat li dawn qed jghixu separatament meta twieldu jew kienu qed jitrabbew dawn il-minuri, la li l-attur qatt qabel irrifjuta li jaghrafhom bħala uliedu jew li irrifjuta li jmantinihomu lanqas ebda tip ta prova ohra li setghet tindika li l-minurikellhom stat differenti min dak li juru c-certifikati tat-twelid taghom. Huwa ovvju li f'tali cirkostanzi l-attur ma rnexxilux iwaqqa b'mod sodisfacenti bizzejjed il-presunzjoni tal-ligi li tohrog mill-Artikolu 81 tal-Kap 16 u ghaldaqstant it-talbiet tiegħu ma jistghux jigu milqugha.*"[7]

Madankollu huwa fatt ukoll li l-pussess ta' stat ta' persuna ma hux xi ħaġa fissa u statika billi dan l-istat huwa dipendenti fuq il-fatti u ġrajjiet li jgħaddi minnhom il-bniedem konċernat u għalhekk l-istat ta' persuna huwa suġġett għal tibdil.

Kif ġa ngħad l-Artikolu 80 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li meħudin flimkien jiġu mixtarra mill-ġudikant sabiex imbagħad ikun deċiż x'rabta ta' filjazzjoni u ta' demm tkun teżisti bejn il-wild u dik il-familja li l-wild jkun iqis li hi tiegħu. Il-leġislatur jagħti lista ta' fatturi li għandhom jiġu mwieżna, liema lista iżda ma hix eżawrenti u sta għal gudikant li jevalwa r-rabtiet tal-wild

[6] A fol. 11 sa fol. 14 tal-proċess.
[7] AG vs JB Grima et, deċiża Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), fit-30 ta' Ġunju, 2011, a fol. 15 sa fol. 21 tal-proċess.

mal-missier u l-familja kollha sabiex jistabbilixxi x'inhu l-istat tal-wild.

Kif ġa ngħad, fil-każ odjern it-test xjentifiku huwa ċar u hadd mill-konvenuti ma kkontestah. Li jmiss għalhekk huwa l-evalwazzjoni tal-provi sabiex jiġi stabbilit il-pussess tal-istat ta' MG u MAG meta ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Il-Qorti tosserva li bħala provi tressqu biss min-naħa tal-attur u dan in forma ta' affidavit tiegħu u ta' ħutu Simon Grima u Miriam Portelli. Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova biex jikkontradixxu dak li affermaw l-attur u ħutu. Mhux hekk biss iżda fir-risposta ġuramentata tagħhom huma jgħidu li l-fatti kif dettati mill-attur huma kontradetti bil-kuntratt ta' separazzjoni, iżda naqsu li jippreżentaw kopja ta' dan il-kuntratt. Inoltre jgħidu li l-attur ma kienx iħallas manteniment u meta ħallas għax kien ġie ordnat jagħmel dan wara li kienu ġew istitwiti proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

Issa huwa minnu li l-prinċipju jiddetta li *onus probandi incubit ei qui dicit non ei negat*. Infatti dan il-prinċipju jinsab ukoll fil-liġi nostrana sewwasew fl-Artikolu 562 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Dan ifisser li l-Qorti trid teżamina l-fatti mressqa quddiemha u żżomm f'moħħha li "*Kull kaz għandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tiegħu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tiegħu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant għandu*

*jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tiegħu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalità tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bħala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issoddisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tiegħu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma ġewx sodisfacjentement ippruvati (non esse et non probari paria sunt). Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioè li x-xjenza tal-fatt allegat għandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll igħid l-Art. 562 tal-Kap. 12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza għandha tigi rigettata."*[8]

Tenut kont ta' dan kollu u eżaminati l-provi kollha mressqa għall-iskrutinja tagħha u fid-dawl tal-liġi kkwotata u l-ġurisprudenza ċitata din il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur irnexxielu jipprova illi llum il-ġurnata l-konvenuti MG u MAG ma jipposjedux stat li huwa konformi mal-att tat-twelid tagħhom. L-attur irnexxielu jipprova li għalkemm qabel ma ntebaħ li ż-żewġ konvenuti msemmija ma kinux uliedu huwa kien jittratta magħhom bħala l-missier tagħhom, wara li kien konsapevoli tal-fatt li huma ma kinux uliedu r-relazzjoni ta' bejniethom tkissret tant li lanqas jaf fejn jgħixu eżattament, ma jippartecipax f'ħajjithom bl-ebda mod u kif lanqas ma jieħdu parti f'ħajtu huma. Jgħid li la kien jieħu sehem f'attivitajiet skolastiċi u lanqas soċjali li kienu jikkonċernaw lil MG u MAG. Mill-provi akkwiżiti jidher ċar li llum il-ġurnata l-attur jgħix

[8] David Pace vs Frans Falzon et, Prim'Awla, deċiża fit-3 ta' Mejju, 2011.

ħajtu u MG u MAG jgħixu tagħhom għalkollox miftumin minn xulxin — kif deskritti mingħajr tlaqliq minn Simon Grima — huma barranin. Huwa ċar li ma teżisti l-ebda rabta familjari bejn l-attur u l-konvenuti.

In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis li t-talbiet tal-attur huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqagħhom.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i) Tilqa' l-ewwel talba;

ii) Tilqa' t-tieni talba;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuti MG u MAG li għandhom in-numri 215/2001 u 221/2005 fil-kolonna illi tirreferi għal isem u kunjom il-missier bħala "AG", il-karta tal-identità tiegħu "2171 (G)", l-età tiegħu "30 sena" u "35 sena" rispettivament, il-post tat-twelid tiegħu "Nadur, Għawdex, Malta", ir-residenza tiegħu "Xewkija, Għawdex" u isem u kunjom missieru "Angelo Grima, ħaj" u minflok jitniżżel "missier mhux magħruf".

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenuti f'isimha ndaqs bejniethom.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur